

Domandi preliminari

- 1) L-Artikoli 4(1) u 5 tad-Direttiva 98/70/KE ⁽¹⁾ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Ottubru 1998, dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/12/KEE, għandhom jiġu interpretati fis-sens li, minbarra l-kundizzjonijiet kwalitattivi stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali adottati abbażi ta' din id-direttiva, leġiżlazzjoni nazzjonali ma tistax timponi fuq id-distributuri tal-karburanti, kundizzjonijiet kwalitattivi addizzjonali għal dawk previsti mid-direttiva?
- 2) Il-punti 6 u 11 tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 98/34/KE ⁽²⁾ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Ġunju 1998, li tistabbilixxi proċedura għall-ġħoti ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandards u r-regolamenti tekniċi u r-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika, għandhom jiġi interpretati fis-sens li, jekk regolament tekniċu (f'dan il-każ, Digriet Ministerjali adottat skont awtorizzazzjoni leġiżlattiva) jkun fis-seħħ, l-applikazzjoni ta' standard nazzjonali stabbilit fl-istess qasam tista' tkun biss volontarja, jiġifieri li l-liġi ma tistax timponi l-applikazzjoni obbligatorja?
- 3) Il-kriterju tat-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku tal-istandard nazzjonali skont il-punt 6 [tal-Artikolu 1] tad-Direttiva 98/34/KE, huwa sodisfatt minn regola li, fil-mument li, skont l-awtoritajiet, kellha tiġi applikata, ma kinitx disponibbli fil-lingwa nazzjonali?

⁽¹⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 23, p. 182 .

⁽²⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 20, p. 337.

Talba għal deċizzjoni preliminari mressqa mill-Kecskeméti Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság (l-Ungerija) fis-27 ta' Mejju 2014 – Robert Michal Chmielewski vs Nemzeti Adó- és Vámhivatal Dél-alföldi Regionális Vám- és Pénzügyőri Főigazgatósága

(Kawża C-255/14)

(2014/C 303/15)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

Qorti tar-rinviju

Kecskeméti Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Robert Michal Chmielewski

Konvenut: Nemzeti Adó- és Vámhivatal Dél-alföldi Regionális Vám- és Pénzügyőri Főigazgatósága

Domandi preliminari

- 1) L-ammont tal-multa amministrattiva ffissata skont l-Artikolu 5/A tal-Liġi Nru XLVIII tal-2007, adottata għall-finijiet tal-implementazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1889/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ottubru 2005, dwar kontrolli ta' flus kontanti deħlin fil-Komunità jew ħerġin mill-Komunità ⁽¹⁾ (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 1889/2005") (iktar 'il quddiem il-"Liġi nazzjonali ta' implementazzjoni"), huwa konformi mar-rekwiżit impost bl-Artikolu 9(1) tar-Regolament Nru 1889/2005, jiġifieri li s-sanzjoni introdotta mid-dritt nazzjonali għandha tkun effettiva u dissważiva, filwaqt li tkun proporzjonata meta mqabbla mal-ksur imwettaq u mal-għan li għandu jintlaħaq?

- 2) L-Artikolu 5/A tal-Liġi nazzjonali ta' implementazzjoni ma huwiex, minħabba l-ammont tal-multa li huwa jipprevedi, kuntrarju għall-projbizzjoni tar-restrizzjonijiet moħbija għall-moviment liberu tal-kapital, prevista fl-Artikolu 65(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem it-"TFUE") u tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea?

(¹) ĠU L 309, p. 9.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Arbitral Tributário (Centro de Arbitragem Administrativa – CAAD) (il-Portugall) fit-28 ta' Mejju 2014 – Lisboagás GDL, Sociedade Distribuidora de Gás Natural de Lisboa SA vs Autoridade Tributária e Aduaneira

(Kawża C-256/14)

(2014/C 303/16)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Qorti tar-rinviju

Tribunal Arbitral Tributário (Centro de Arbitragem Administrativa – CAAD)

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Lisboagás GDL, Sociedade Distribuidora de Gás Natural de Lisboa SA

Konvenuta: Autoridade Tributária e Aduaneira

Domandi preliminari

- 1) Id-dritt tal-Unjoni Ewropea jipprekludi li jiġi kkalkolat il-VAT meta jinġabru, mingħajr ebda marġni, minn impriża privata fornitriċi ta' infrastruttura ta' distribuzzjoni ta' gass naturali lil impriża li tixtri s-servizzi tagħha, l-ammonti ta' taxxi ta' okkupazzjoni ta' taħt l-art, imħallsa lill-muniċipalitajiet li fihom jeżistu pajpijiet li jintegraw dawn l-infrastrutturi?
- 2) Peress li t-taxxi ta' okkupazzjoni ta' taħt l-art huma kkalkolati mill-awtoritajiet lokali, fl-eżerċizzju tas-setgħat tagħhom, mingħajr ma jittieħed inkunsiderazzjoni l-VAT, id-dritt tal-Unjoni Ewropea jipprekludi li jiġi kkalkolat il-VAT meta jinġabru l-ammonti ta' dawn it-taxxi mħallsa minn impriża privata fornitriċi ta' infrastruttura ta' distribuzzjoni ta' gas naturali lil impriża li tixtri s-servizzi tagħha?

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Rechtbank Amsterdam (il-Pajjiżi l-Baxxi) fit-28 ta' Mejju 2014 – C. van der Lans vs Koninklijke Luchtvaart Maatschappij NV

(Kawża C-257/14)

(2014/C 303/17)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Rechtbank Amsterdam

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: C. van der Lans